MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

Seduta tal-25 ta' Awwissu, 2008

Numru 70/2008

**Il-Pulizija**

**v.**

**Francis Vella**
**- - *omissis* - -**

**Il-Qorti**:

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva b'att ta' citazzjoni kontra Francis Vella (karta ta' l-identita` 48156(G)) u George Vella (karta ta' l-identita` 55858(G)) talli nhar it-30 ta' Awissu 2007 u fix-xhur ta' qabel din id-data, go fond accessibbli minn Triq il-Kapuccini, Rabat, Ghawdex (**1**) zammew post kummercjali u ghamlu attivita` kummercjali li tirrigwarda "boat building" meta ma kienux id-detenturi ta' licenzja dwar dak il-fond mill-awtorita` regolatorja, u (**2**) aktar, talli l-attivita` kummercjali kienet ta' sikkatura ghan-nies tal-madwar u dan bi ksur tar-regolament 13-02 u 13-03 [recte: tal-partiti 02 u 03] tat-tieni skeda tal-A.L. 1/2006;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) tad-19 ta' Frar 2008, li permezz taghha dik il-qorti sabet liz-zewg imputati hatja skond l-imputazzjonijiet dedotti kontra taghhom u kkundannat lil kull wiehed minhom ammenda ta' mija u erbgha u sebghin Ewro u sebghin ewro centezmi (Euro174.70);

Rat ir-rikors ta' appell ta' Francis Vella, minnu pprezentat fl-4 ta' Marzu 2008, li permezz tieghu talab ir-revoka ta' l-imsemmija sentenza in kwantu tirrigwarda lilu;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet il-provi u lid-difensuri tal-partijiet; ikkunsidrat:

L-appellant ghandu bazikament zewg aggravji. L-ewwel wiehed hu fis-sens illi ma jistax jinghad li l-imputazzjonijiet gew ippruvati fil-konfront tieghu. Huwa infatti jirriassumi l-ewwel aggravju tieghu f'dawn il-kliem:

**"Fi kliem iehor l-esponenti jidhirlu illi mill-provi prodotti quddiem l-ewwel qorti ma setghax jinghad illi b'xi mod dawk il-provi setghu jnisslu fil-mohh tal-gudikant xi konvinciment il-fuq** *(sic!)* **mid-dubju ragonevoli illi Francis Vella kien hati ta' dak ir-reat."**

It-tieni aggravju hu dwar il-piena, u jghid hekk:

**"Illi fit-tieni [lok] u minghajr pregudizzju ghas-suespost anke kieku b'xi mod wiehed kellu jargumenta dato sed** *(sic!)* **non concesso illi Francis kien hati ta' l-imputazzjoni l-esponenti jikkontendi illi l-pieni** *(sic!)* **inflitta kellha tkun fil-minimu taghha. Dan tenut kont tal-fatt illi min kien jopera dan il-fond nehha l-operat tieghu u assikura illi ma jkunx hemm inkonvenjent ghal girien. Dan qed jinghad biss b'mod subordinarju** *(sic!)* **peress illi l-esponenti jishaq illi kien George Vella li kellu x'jaqsam ma' dan in-negozju u li neha** *(sic!)* **kwalsiasi operat minn dan il-fond."**

Ikkunsidrat:

Mill-kumpless tal-provi – konsistenti fid-deposizzjonijiet ta' Giorgina Azzopardi, Mark Rapa u P.S. 1424 Mario Xiberras, kif ukoll id-dokumenti "A" (kopja ta' licenzja mahruga f'isem George Vella) u "C" (kopja tar-rivista *Let's Gozo*) – din il-Qorti, bhal dik ta' qabilha, hija sodisfatta lil hin minn kull dubju dettat mir-raguni li kemm l-appellant Francis Vella kif ukoll huh George (li pero` ma appellax mis-sentenza ta' l-ewwel grad) kienu, fiz-zmien indikat fic-citazzjoni, jaghmlu xoghol ta' kostruzzjoni ta' dghajjes f'fond accessibbli minn Triq il-Kapuccini, ir-Rabat, Ghawdex. Jekk dan il-fond kienx in-numru 24, Triq il-Kapuccini jew in-numru 49 gewwa l-istess triq, huwa rrelevanti: il-licenzja fuq ta' l-ewwel[1] u li kienet issejjah lil George Vella, kienet ghall-manifattura ta' ghamara ("furniture", skond il-kodici 31.6 ta' l-ewwel skeda ta' l-A.L. 1/2006) u mhux ta' dghajjes; filwaqt li l-licenzja fuq il-fond numru 49, u li originarjament kienet issejjah lill-appellant Francis Vella, kienet, skond ix-xhud Rapa, tirreferi ghal "*cars, vans motorcycles and spares*" inkluzi "*marine spares*". Din il-licenzja fuq in-numru 49, pero`, kienet skadiet fit-12 ta' Gunju 2006 u ghalhekk aktar minn sena qabel id-data indikata fic-citazzjoni. Ix-xhud Azzopardi, pero`, hija kategorika li sa l-ahhar ta' Awissu 2007, meta l-pulizija bdew jinvestigaw attivament il-kaz, hija kien ikollha regolarment tissaporti l-irwejjah sgradevoli ta' *spray* u *fibre* assocjati ma' l-attivita` ta' *boat building*. Thares minn fejn thares, ghalhekk, jirrizulta sodisfacentement pruvat li l-appellant odjern kien qed jezercita` attivita` kummercjali minghajr id-debita licenzja, u, inoltre, assoggetta ghal inkonvenjent in-nies tal-madwar. Konsegwentement l-ewwel aggravju ta' l-appellant qed jigi respint.

Kwantu ghat-tieni aggravju, dan jirrazenta l-fieragh. Il-piena ghal reat wiehed – u hawn ghandna tnejn – skond l-Artikolu 29(a) tal-Kap. 441 hija ta' ammenda minn minimu ta' Euro116.47 sa massimu ta' Euro1,164.69. Il-piena pekunjarja, ghalhekk, inflitta fuq l-appellant mill-ewwel qorti kienet, tista' tghid, fil-minimu taghha, u konsegwentement ma hemm lok ta' ebda varjazzjoni.

[1] Ara l-kopja tal-licenzja, Dok. "A", a fol. 4 u 5 ta' l-atti.

Ghall-motivi premessi, tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------